MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Numru. 100/2003

**Il-Pulizija**
**(AC Neil Harrison)**

**vs.**

**Godwin Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Godwin Zammit ta' 52 sena iben Vladimier u Giovanna nee' Caruana, mwieled Senglea fil-15 ta' Gunju 1958 u residenti Flat 17 Robert's Court, Triq J Quintinus, San Pawl il-Bahar, ID 395958 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' April 1999 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta
(c) Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Awla E) fl-20 ta’ Novembru 1998

Il-Qorti giet ukoll mitluba biex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat li fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2011, l-ufficjal prosekutur, ivverbalizza li b’riferenza ghall-akkuzi kontra l-imputat, huwa kien jinsab f’pozizzjoni li jirtira l-akkuza (c) fil-kontront ta’ l-imputat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, li l-ammont ta’ droga li instab kien wiehed zghir u li l-fedina penali tieghu m’hix wahda allarmanti, ghalkemm irid jinghad li din giet mahruga fl-14 ta’ April 1999, pero peress li l-partijiet qablu li l-imputat ilu nieqes minn Malta ghal xi hdax-il sena, l-ufficjal prosekutur irreleva li ghalhekk ma hemmx bzonn li tigi ezebita l-fedina aggiornata. Iz-zewg partijiet issottomettew illi l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni it-trepass taz-zmien, pero il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghax dan ikun ifisser li imputat ikollu interess itawwal il-proceduri sabiex jibbenifika minn riduzzjoni fil-piena. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat xehed li huwa ma ghadx ghandu l-vizzju tad-droga u il-partijiet qablu li fic-cirkustanzi ikun addattat jekk il-piena tkun ta’ multa fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni (c), issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2011, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet relatati maghha jigu distrutti taht is-supervizzjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------